Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,734, 12 ta' Novembru, 2021
Taqsima B

A.L. 433 tal-2021

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2021 biex jemendew l-Ordinamenti tal-2016 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2021 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' Master of Science in Economics – M.Sc. - taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Ekonomija, il-Management u l-Accountancy

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74 (5) u 75 (6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakultà tal-Ekonomija, il-Management u l-Accountancy bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 81 (1) (ċ) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81 (2) ta' dak l-Att:

It-Titlu

1. Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2021 biex jemendew l-Ordinamenti tal-2016 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2021 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-grad ta' Master of Science in Economics – M.Sc. - u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mal-Ordinamenti tal-2016 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2021 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-grad ta' Master of Science in Economics – M.Sc. - taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Ekonomija, il-Management u l-Accountancy, ippubblikati bħala Avviż Legali 303 tal-2016, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "l-ordinamenti prinċipali".

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2021 jew wara.

L-Emenda għall-ordinament 3 tal-ordinamenti prinċipali

3. Minflok l-ordinament 3 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"**Ir-Rekwiżiti għad-Dħul**

3. (1) Il-Kors ikun miftuħ għall-applikanti li għandhom waħda minn dawn il-kwalifiki:

(a) il-grad ta' Bachelor of Commerce bl-Unuri fl-Ekonomija miksub mill-inqas fit-Tieni Klassi bl-Unuri; jew

(b) il-grad ta' Bachelor of Commerce bl-Ekonomija bħala waħda miż-żewġ oqsma ta' studju prinċipali, miksub mill-inqas f'Kategorija II; jew

(ċ) grad miksub mill-inqas fit-Tieni Klassi bl-Unuri jew f'Kategorija II, fi kwalunkwe qasam ieħor meqjus rilevanti mill-Bord tal-Istudji.

(2) L-istudenti li jidħlu skont is-sotto-paragrafi (b) u (ċ) tal-paragrafu (1) jistgħu jkunu meħtieġa jsegwu u jgħaddu minn taqsima/iet studju, kif rakkomandat mill-Bord tal-Istudji, li għalihom ikun hemm assenjati massimu ta' 12-il krettu ECTS, minbarra l-programm ta' studju kif speċifikat fl-ordinament 5 ta' dawn l-ordinamenti."

L-Emenda għall-ordinament 7 tal-ordinamenti prinċipali

4. Minflok il-paragrafu (1) tal-ordinament 7 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"7. (1) L-istudenti huma meħtieġa jippreżentaw dissertazzjoni individwali ta' madwar 15,000 sa 20,000 kelma skont il-linji gwida maħruġin mill-Bord tal-Istudji."